K.L.B.L 27/08/2019

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2019 dwar Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Ħamrun)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Ħamrun għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2019 dwar Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali Ħamrun).

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija minn awtoritajiet kompetenti għat-tqegħied ta' mwejjed u siġġijiet sabiex jiġi kkunsmat ikel u xorb;

"kontenitur ta' xorb alkoħoliku" tinkludi fliexken, bottijiet, tazzi, u, jew xi kontenitur tal-ħġieġ ieħor maħsub biex fih jiġi servut xi xorb jew li jinżamm xorb fih;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Ħamrun;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Ħamrun kif murija fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att;

"post pubbliku" tfisser toroq, bankini, fetħiet, pjazez, u l-ġonna li jagħmlu parti mill-konfini tal-Ħamrun.

Projbizzjoni ta' tlajjar b'konteniturі ta' xorb alkoħoliku.

3. Ebda persuna ma tista' titlajja f'xi post pubbliku fil-waqt li żżomm f'idha jew fuq il-persuna tagħha xi kontenitur ta' xorb alkoħoliku.

Projbizzjoni ta' konsum ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi.

4. Ebda persuna ma tista' tikkonsma xorb alkoħoliku f'post pubbliku jekk mhux f'kontenituri issiġillat.

Avviż u provvediment ta' konteniturі.

5. Kull stabbiliment kummerċjali li jopera mil-lokalità tal-Ħamrun li jbiegħ ix-xorb għandu jwaħħal avviż bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif muri fl-Iskeda, u dak l-avviż għandu jintwera f'post fejn ikun jidher sew u jinqara faċilment mill-klijenti tal-istess stabbiliment

kummerċjali.

Pieni.

6. (a) Kull sid ta' stabbiliment li jikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws*, jista', meta jinstab ħati, jeħel ammenda ta' sebgħin euro (€70) għal dik il-kontravvenzjoni, kif ukoll ammenda oħra ta' ħmistax-il euro (€15) għal kull jum li fih ikun kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.

(b) Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws* tista', meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' sebgħin euro (€70).

Eżenzjoni.

7. Il-Kunsill Lokali Ħamrun għandu dritt jagħti eżenzjoni minn dawn il-kundizzjonijiet f'okkażjonijet speċjali.

SKEDA
(*Bye-Law* 5)

THE CONSUMPTION OF ALCOHOLIC BEVERAGES OUTDOORS IS PROHIBITED BY LAW.

THE CARRYING OF ALCOHOL IN THE STREETS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW.

IL-KONSUM FIT-TOROQ TA' XORB ALKOĦOLIKU HU PPROJBIT BIL-LIĠI.

IL-ĠARR TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI.
